## "UNKNOWN ISLAND"

*Dħalt nara* film. *Fit*-talkies
*Fejn taqa' labra m'hemmx.*
*Kulħadd idoqq. Sthajjiltni*
*Ser nara ddub ix-xemx!*

*Tfal xejn; u lanqas żgħażagħ*
*Taħt wieħed u għoxrin.*
*Dan huwa* film *li jgħaġġeb*
*U jkexkex 'il-bnedmin!*

*Intfew id-dwal u f'daqqa*
*Liżar xegħ'l bil-kulur:*
*Virginia Grey l-attriċi;*
*U Philip Reed l-attur.*

*Hemm gżira f'wiċċ id-dinja*
*Li biha ma jaf ħadd,*
*Mgħammra b'bhejjem li bħalhom*
*Għadhom ma dehru qatt.*

*Sinjur għani u ta' ħila,*
*M'ieħor qalbieni, lvent,*
*Isib Kaptan li jwasslu*
*Tal-qlugħ fuq bastiment.*

*Jitwerwru malli jirfsu*
*Fuq dil-gżira u jaraw*
*Bhejjem ma tafx x'fatta huma...*
*U fuqhom jisparaw.*

*Għalxejn! Daw'd-dbejjeb ħorox*
*Il-balal ma jħossux.*
*Qishom bla ġilda! Ħluqhom*
*Miftuħa u ma jigdmux!*

*Għidt, 'Dawn, nemla tisboqhom*
*F'qawwitha!' U nidħak bdejt.*
*L-egħġubijiet għal Alla!*
*Għalina l-ħobż biż-żejt!*

7/IX/51. K. VASSALLO.